Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,344, 7 ta' Frar, 2020
Taqsima A

MALTA

ATT Nru I tal-2020

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att kontra *Money Laundering*, Kap. 373.

ACT No. I of 2020

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

7 ta' Frar, 2020

ATT Nru I tal-2020

ATT biex jemenda l-Att kontra Money Laundering, Kap. 373.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2020 li jemenda l-Att kontra *Money Laundering*, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att kontra *Money Laundering*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 373.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

A 2

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (5) tiegħu, għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (6); u

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Il-Ministru għandu, fuq parir tal-kumitat imsemmi fl-artikolu 12A, jippreskrivi, b'ordni ppubblikat fil-Gazzetta, dawk il-funzjonijiet pubbliċi f'Malta u dawk fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali akkreditati f'Malta li għandhom jitqiesu bħala funzjonijiet pubbliċi prominenti għall-iskop ta' regolamenti magħmula taħt dan l-Att, u din il-lista ta' dawn il-funzjonijiet għandha tiġi riveduta u aġġornata minn żmien għal żmien:

Iżda kull ordni maħruġ skont dan is-subartikolu għandu jkun disponibbli għall-Kummissjoni Ewropea hekk kif jiġi pubblikat fil-Gazzetta.".

Emenda tal-artikolu 13A tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 13A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, il-kliem "u dak l-appell għandu jkun regolat mid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dak l-appell għandu jkun regolat mid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili";

(b) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (6); u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandhom jiġu miżjuda s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) Il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed ir-rikors tal-appell għas-smigħ f'data kmieni, liema data m'għandha f'ebda każ tkun iktar tard minn tliet (3) xhur mid-data tal-preżentata tar-rikors tal-appell.

(5) Il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) għandha tisma' r-rikors tal-appell li għandu jiġi deċiż fi żmien sitt (6) xhur mid-data stabbilita għas-smigħ oriġinali tar-rikors tal-appell, u ma għandu jingħata ebda aġġornament lil hinn mill-imsemmija sitt (6) xhur ħlief jew bil-kunsens tal-appellant u l-appellat jew għal raġuni

VERŻJONI ELETTRONIKA

eċċezzjonali li tiġi reġistrata mill-qorti, u dik id-data aġġornata ma tkunx aktar tard minn dak li hu ġustifikat b'dik ir-raġuni.".

Emenda tal-artikolu 13B tal-Att prinċipali.

4. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 13B tal-Att prinċipali, il-kliem "dak l-appell jiġi deċiż, dežert jew irtirat" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "dik il-piena tiġi sussegwentement ikkonfermata fl-intier tagħha jew f'parti minnha,".

Sostituzzjoni tal-artikolu 13Ċ tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 13Ċ tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Pubblikazzjoni ta' pieni amministrattivi.

13Ċ. (1) Kull piena amministrattiva li tiġi imposta mill-Korp kif jingħad fir-regoli u regolamenti magħmula taħt l-artikolu 13, li teċċedi ħamsin elf euro (€50,000), għandha tiġi pubblikata fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-Korp, flimkien ma' kwalunkwe miżura amministrattiva imposta mill-Korp flimkien ma' dik il-piena amministrattiva u l-pubblikazzjoni għandha ssir fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika tal-piena amministrattiva lill-persuna suġġetta:

Iżda meta jkun sar appell kontra l-piena amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13A, il-Korp għandu, mingħajr ebda dewmien, jippubblika informazzjoni dwar l-appell u fuq l-istatus tal-appell u l-eżitu tiegħu, inkluż informazzjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) li timmodifika jew tirrevoka l-piena amministrattiva in kwistjoni fl-intier tagħha jew f'parti minnha.

(2) Il-Korp għandu jippubblika fuq bażi anonima s-segwenti miżuri u pieni imposti mill-Korp skont id-dispożizzjonijiet ta' regoli u regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 13:

(a) pieni amministrattivi li ma jeċċedux ħamsin elf euro (€50,000); u

(b) miżuri amministrattivi imposti mill-Korp, eskluži dawk previsti taħt is-subartikolu (1).

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2), fejn il-Korp jikkunsidra li l-pubblikazzjoni ta' miżura jew piena amministrattiva tista' tippreġudika l-istabbiltà ta' swieq finanzjarji jew tista' tippreġudika xi xogħol ta' sorveljanza, ta' analisi jew ta' investigazzjoni li jkun għaddej, jew iqis li hija sproporzjonata, il-Korp jista', konformement mal-politika u l-proċeduri stabbiliti mill-Bord ta' Gvernaturi skont is-subartikolu (4), jiddeċiedi li jittardja l-pubblikazzjoni, jew li jippubblika dik il-miżura jew piena amministrattiva fuq bażi anonima, jew li ma jippubblikax dik il-miżura jew piena amministrattiva.

(4) Il-Bord ta' Gvernaturi msemmi fl-artikolu 18 għandu jistabbilixxi u jippubblika politika u proċeduri biex jirregola ulterjorament il-pubblikazzjoni ta' miżuri u pieni amministrattivi.".

Emenda tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali.

6. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "memoranda ta' intendiment jew kull ftehim ieħor" għandha tiżdied il-kelma "fosthom".

Emenda tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

7. L-artikolu 16 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) minnufih wara l-kliem "tixrid ta' informazzjoni bil-għan li" għandhom jiżdiedu l-kliem "jipprevjeni, jinkixef u b'mod effettiv";

(ii) fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (k) minnufih wara l-kliem "fil-paragrafi (a) u (b)" għandhom jiżdiedu l-kliem "irrispettivament min-natura jew l-istatus tagħhom";

(iii) fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (k) il-kliem "jew ma' kull awtorità sorveljanti barra minn Malta li huwa jikkonsidra bħala li jkollha funzjonijiet ekwivalenti jew simili għal awtorità sorveljanti f'Malta, u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew ma' kull awtorità oħra jew korp ieħor li jkollhom funzjonijiet ta' sorveljanza jew regolatorji barra minn Malta, meta l-Korp ikun tal-opinjoni li tali koperazzjoni u skambju ta' informazzjoni jassisti fil-monitoraġġ tal-osservanza minn persuni suġġetti jew persuni oħra li jwettqu attivitajiet ekwivalenti barra minn Malta, ta' obbligi kontra *money laundering* u kontra finanzjar ta' terroriżmu jew ta' leġiżlazzjoni oħra speċifika għall-attivitajiet jew servizzi tagħhom, jew biex jiġi żgurat li s-settur finanzjarju u setturi jew professjonijiet rilevanti

VERŻJONI ELETTRONIKA

oħra ma jiġux użati għal għanijiet kriminali, jew biex tiġi salvagwardjata l-integrità tagħhom;";

(iv) fil-paragrafu (l) il-kliem "filwaqt li tkun qed twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tagħha." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "filwaqt li tkun qed twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tagħha;" u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(m) li jossorvelja konformità ma' restrizzjonijiet fuq ħlas bi flus kontanti li jistgħu jiġu introdotti minn żmien għal żmien taħt dan l-Att; u

(n) li jistabbilixxi, jiġġestixxi u jamministra mekkaniżmi awtomatizzati ċentralizzati li jippermettu l-ġbir ta' data u informazzjoni dwar kull persuna li jkollha jew tikkontrolla kontijiet ta' ħlas jew bankarji, u dwar kull persuna li tagħmel użu minn servizzi ta' kustodja fis-sigurtà pprovduti minn xi bank.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (3); u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Għall-finijiet tat-twettiq ta' kwalunkwe mill-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att jew regolamenti oħra maħruġin taħtu, il-Korp ikollu s-setgħa li jimponi miżati u ħlasijiet, inkluż miżati u ħlasijiet li jkopru l-ispejjeż tal-Korp sabiex jingaġġa xi espert hekk kif previst fl-artikolu 26A.".

8. L-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "erba' membri li jinħatru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ħames membri li jinħatru"; u

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Il-Ministru għandu jaħtar il-ħames membri msemmija fis-subartikolu (1)(a) billi jagħżel membru wieħed minn kull waħda minn ħames listi, b'kull lista jkun fiha mill-inqas tliet persuni nominati rispettivament mill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta, miċ-*Chairman* tal-

Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, miċ-*Chairperson* tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Kummissarju tat-Taxxi.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

9. L-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-persunal eżekuttiv u dak ieħor tal-Korp.

23. (1) Id-Direttur tal-Korp għandu jinħatar mill-Bord, skont dawk il-proċeduri u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Bord jista' jistabbilixxi, wara sejħa pubblika għal applikazzjonijiet.

(2) L-uffiċjali l-oħra u l-persunal tal-Korp għandhom jiġu magħżula mid-Direttur tal-Korp skont dawk il-proċeduri u taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet u f'tali numru kif il-Bord jista' jistabbilixxi.

(3) Id-Direttur u l-uffiċjali u persunal kollha tal-Korp għandhom ikunu persuni ta' integrità u mġiba tajba.".

Emenda tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali.

10. L-artikolu 26 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jawtorizza lil kwalunkwe mill-uffiċjali, impjegati jew aġenti tiegħu, jew kwalunkwe espert ingaġġat taħt l-artikolu 26A, wara li juri prova tal-awtorità li jkollu, jeħtieġ li persuna suġġetta tipprovdilu minnufih dik l-informazzjoni jew dawk id-dokumenti kif jistgħu jkunu meħtieġa sabiex tiġi sorveljata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u tar-regolamenti li jsiru taħtu u li jwieġeb għal kull domanda li l-Korp jista' raġonevolment ikun jeħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikolu (1), u dak l-uffiċjal, impjegat, aġent jew espert jista' jesiġi aċċess għal kull *data*, informazzjoni jew dokumentazzjoni, tkun fejn tkun u tkun kif tkun maħżuna jew miżmuma, li l-Korp jidhirlu li hi rilevanti sabiex jissorvelja l-konformità, u jista' jagħmel kopji ta' tali *data*, informazzjoni jew dokumentazzjoni, kemm diġitali jew mod ieħor;";

(b) il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) iwettaq eżamijiet fuq il-post fuq persuni suġġetti bil-għan li tiġi sorveljata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kull regolament magħmul

taħtu;";

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) jagħmel noti, jieħu kopji jew reġistrazzjonijiet, kemm diġitali jew mod ieħor, ta' kull *data*, informazzjoni jew dokumentazzjoni miksuba jew li sar aċċess għaliha mill-Korp, jew ta' kull tweġiba għal mistoqsijiet magħmula mill-Korp fit-twettiq tas-setgħat tiegħu taħt dan is-subartikolu.";

(d) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi mħassar u s-subartikolu (5) u s-subartikolu (6) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikolu (4) u s-subartikolu (5) rispettivament; u

(e) is-subartikolu (4) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Meta d-*data*, informazzjoni jew dokumentazzjoni meħtieġa, imfittex l-aċċess għalihom, jew mitluba taħt is-subartikolu (2) ma jiġux provduti, il-Korp jista' jitlob lill-persuna suġġetta li tiddikjara, bil-miktub, għaliex dawk id-*data*, informazzjoni jew dokumentazzjoni jew l-aċċess għalihom ma setgħux jiġu provduti.".

11. L-artikolu 27 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Mingħajr preġudizzju għal kull restrizzjoni li l-Korp jista' jkun soġġett għaliha, il-Korp għandu, fuq talba jew fuq inizjattiva tiegħu stess, jikkopera u jiskambja informazzjoni ma' kull awtorità ta' sorveljanza f'Malta jew ma' kull awtorità oħra jew korp ieħor li għandhom funzjonijiet regolatorji jew ta' sorveljanza barra minn Malta, meta l-Korp ikun tal-opinjoni li tali koperazzjoni u skambju ta' informazzjoni jassistu fil-monitoraġġ tal-osservanza, minn persuni suġġetti jew persuni oħra li jwettqu attivitajiet ekwivalenti barra minn Malta, ta' liġijiet kontra *money laundering* u kontra finanzjar ta' terroriżmu jew liġijiet oħra speċifiċi għall-attivitajiet jew servizzi tagħhom, jew biex jiġi żgurat li s-settur finanzjarju u setturi

jew professjonijiet rilevanti oħra ma jiġux użati għal għanijiet kriminali, jew biex tiġi salvagwardjata l-integrità tagħhom:

Iżda l-iskambju ta' informazzjoni jkun soġġett għal:

(a) garanzija minn dik l-awtorità jew korp li tirċievi tali informazzjoni li għandha fis-seħħ regoli u proċeduri adegwati li jirregolaw il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-informazzjoni;

(b) kondizzjoni li l-informazzjoni jew id-dokumenti skambjati ser jintużaw mill-awtorità jew mill-korp riċeventi għall-għan biss tat-twettiq tal-funzjonijiet ta' sorveljanza u regolatorji tagħhom;

(ċ) kondizzjoni li l-informazzjoni skambjata mhux ser tiġi wżata għal għanijiet oħra ħlief dawk li għalihom issir referenza fil-paragrafu (b), u li lanqas ma sejra tixxerred lil xi persuna, korp, awtorità jew aġenzija oħra mingħajr il-kunsens espress minn qabel tal-Korp; u

(d) kull kondizzjoni jew restrizzjoni oħra li l-Korp jista' jiddetermina, inkluż l-iffirmar minn qabel, jekk il-Korp jidhirlu li jkun meħtieġ, ta' xi memorandum ta' intendiment jew ftehim ieħor biex jiġi regolat tali skambju ta' informazzjoni:

Iżda wkoll fejn il-Korp jiskambja xi informazzjoni ma' awtorità ta' sorveljanza f'Malta, dik l-awtorità ta' sorveljanza għandha tipprovdi lill-Korp meta tintalab tagħmel dan u b'mod tempestiv, informazzjoni dwar l-użu magħmul mill-informazzjoni skambjata u dwar kull eżitu ta' kull spezzjoni jew azzjoni regolatorja oħra li tkun ittieħdet abbażi ta' dik l-informazzjoni.";

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tiegħu, il-kliem "bil-għan li jistabbilixxu li dik il-persuna tkun qiegħda tikkonforma ruħha" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "bil-għan li tiġi sorveljata il-konformità ta' dik il-persuna"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) il-fraži awtorità ta' sorveljanza għandha tinkludi wkoll kull awtorità, korp jew kumitat responsabbli għall-awtorizzazzjoni, liċenzjar, reġistrazzjoni, jew ir-regolamentazzjoni ta', jew l-għoti, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' *warrant* lil persuni suġġetti.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

12. L-artikolu 27A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 27A tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "jew finanzjament tat-terroriżmu u l-persuni li jkunu involuti" għandhom jiżdiedu l-kliem "irrispettivament mit-tip ta' attività kriminali sottostanti, u anke meta ma tkunx magħrufa l-attività kriminali sottostanti fiż-żmien tal-iskambju"; u

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara l-kliem "mill-Korp mingħajr dewmien" għandhom jiżdiedu l-kliem "irrispettivament mit-tip ta' attività kriminali sottostanti";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu, minnufih wara l-kliem "investigazzjoni kriminali;" għandha tiżdied il-kelma "jew"; u

(iii) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi mħassar u l-paragrafu (ċ) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (b).

13. L-artikolu 27B tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 27B tal-Att prinċipali.

(a) il-kliem "jekk iqis li jkun hekk meħtieġ jew spedjenti, u" għandhom jiġu mħassra; u l-kliem "lill-awtorità kompetenti rilevanti." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-awtorità kompetenti rilevanti:"; u

(b) minnufih wara l-artikolu 27B għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda t-tixrid ta' informazzjoni għandu jkun soġġett għal:

(a) garanzija minn dik l-awtorità kompetenti li tirċievi tali informazzjoni, li għandha fis-seħħ regoli u proċeduri adegwati li jirregolaw il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-informazzjoni;

(b) kondizzjoni li l-informazzjoni jew id-dokumenti skambjati ser jintużaw mill-awtorità kompetenti riċeventi għall-għan biss tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha skont il-liġi;

(ċ) il-kondizzjoni li l-informazzjoni mibgħuta mhux ser tiġi wżata għal għanijiet oħra ħlief dawk li għalihom issir referenza fil-paragrafu

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b), u lanqas ma sejra tixxerred lil xi persuna, korp, awtorità jew aġenzija oħra mingħajr il-kunsens espress minn qabel tal-Korp; u

(d) kull kondizzjoni jew restrizzjoni oħra li l-Korp jista' jiddetermina, inkluż l-iffirmar minn qabel, jekk il-Korp jidhirlu li jkun meħtieġ, ta' xi memorandum ta' intendiment jew ftehim ieħor biex jiġi regolat tali tixrid ta' informazzjoni.".

Enumerazzjoni mill-ġdid tal-artikolu 30B u l-artikolu 30Ċ tal-Att prinċipali.

14. L-artikolu 30B u l-artikolu 30Ċ tal-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikolu 30Ċ u l-artikolu 30D rispettivament.

Żieda ta' artikolu ġdid fl-Att prinċipali.

15. Minnufih wara l-artikolu 30A tiegħu għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Informazzjoni mitluba jew miksuba mill-Korp.

30B. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 27A, kull informazzjoni mitluba jew miksuba mill-Korp skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u regolamenti maħruġa taħtu tista' tintuża mill-Korp għat-twettiq ta' kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 16 kif iqis rilevanti u meħtieġ.".

Emenda tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali.

16. L-artikolu 34 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-Korp, u l-uffiċjali, l-impjegati u l-aġenti tiegħu, sew jekk ikunu għadhom fis-servizz tal-Korp sew jekk le, għandhom jittrattaw kull informazzjoni u dokument li huma jiksbu fit-twettiq ta' dmirijiethom jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att bħala kunfidenzjali, u ma għandhom jikxfu ebda informazzjoni jew dokument li jkollhom x'jaqsmu mal-affarijiet tal-Korp jew ta' xi persuna, li huma jkunu kisbu fit-twettiq ta' dmirijiethom jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att ħlief:

(a) meta jkunu awtorizzati jagħmlu dan taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(b) għall-fini tal-qadi ta' dmirijiethom jew l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) quddiem xi qorti jew tribunal kompetenti fi proċedimenti ta' appell li jkunu saru skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13A, jew fi proċedimenti li l-Korp ikun parti fihom għall-fini tal-infurzar ta' xi piena imposta mill-Korp taħt dan l-Att; u

(d) fil-forma ta' ġabra ta' *data* jew informazzjoni statistika oħra, li fl-opinjoni tal-Korp ma twassalx għall-identifikazzjoni ta' xi persuna speċifika u li ma tippreġudika ebda analisi jew investigazzjoni.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat hekk kif ġej:

(i) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fil-fehma tiegħu dak il-kxif ikun jista' jimpedixxi inkjesta, investigazzjoni jew proċedura oħra li tkun għaddejja f'Malta; jew";

(ii) il-paragrafu (b) u l-paragrafu (ċ) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafu (ċ) u l-paragrafu (d) rispettivament; u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (a) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) tali informazzjoni jew dokument ikunu waslu għand il-Korp fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt is-subartikoli 16(1)(a), 16(1)(b) u 16(1)(k) jew li jipprovdi tali informazzjoni jew li jikxef xi informazzjoni jew dokument ikun jista', fil-fehma tal-Korp, jippreġudika xi analisi; jew";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Il-Korp jista' wkoll jiżvela kull informazzjoni jew dokument imsemmi fis-subartikolu (1) lil xi awtorità ġewwa jew barra minn Malta li tkun qed twettaq investigazzjoni kriminali dwar xi att jew ommissjoni li jkunu saru f'Malta u li jkunu jikkostitwixxu, jew jekk isiru barra minn Malta kienu kieku f'ċirkostanzi korrispondenti jikkostitwixxu:

(a) xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 22(2)(a)(1) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; jew

Kap. 101.

(b) xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 120A(2)(a)(1) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha; jew

Kap. 31.

(ċ) kull reat ta' *money laundering* fi ħdan it-tifsira ta' dan l-Att; jew

(d) kull reat ta' finanzjar ta' terroriżmu:

Iżda meta xi informazzjoni jew dokument jiġu żvelati fiċ-ċirkostanzi msemmija f'dan is-subartikolu, il-Korp jista' wkoll jiżvela xi informazzjoni jew dokument li jkollom x'jaqsmu mal-attività kriminali sottostanti."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Minkejja kull dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, kull informazzjoni jew dokument żvelat mill-Korp skont is-subartikolu (3) għandu jitqies bħala sigriet u:

(a) għandu jintuża biss għall-iskopijiet tal-investigazzjoni li tkun qiegħda ssir u ma għandu jsir ebda użu ulterjuri jew jiġi żvelat jew imxerred lil xi persuna jew awtorità oħra mingħajr il-kunsens espress minn qabel tal-Korp:

Iżda kwalunkwe użu, żvelar jew tixrid ulterjuri għandu jkun strettament neċessarju għall-fini tal-investigazzjoni li tkun qed issir u d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw ukoll għal dan l-użu, żvelar jew tixrid ulterjuri;

(b) għandu jitqies bħala *intelligence* għall-fini li jgħin fl-investigazzjoni li tkun qed issir u ma għandux jitqies bħala evidenza jew jintuża bħala tali fi proċeduri, kemm jekk ġudizzjarji u kemm jekk le, li jistgħu jinbdew bħala riżultat ta' dik l-investigazzjoni;

(ċ) ma għandux jingħata taħt ġurament;

(d) għandu jiġi reġistrat, miżmum u arkivjat separatament mill-atti tal-investigazzjoni jew tal-proċess verbal u għandu jiġi ssiġillat b'tali mod li tkun żgurata l-kunfidenzjalità u s-segretezza tiegħu;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) ma għandux ikun parti minn rapporti jew konklużjonijiet ippubblikati bħala riżultat tal-investigazzjoni; u

(f) b'ebda mod ma għandu jsir pubbliku.".

Emenda tal-artikolu 42 tal-Att prinċipali.

17. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 42 tal-Att prinċipali, il-kelma "Bord" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Korp".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 296 tal-5 ta' Frar, 2020.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati